MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 37

20 ta' Mejju 2015

Minuti tas-seduta Nru. 37 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, li sussegwentement ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Aġġornament tas-sit elettroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol V)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta ta' qabel u qal li huwa flimkien mal-Kunsillier P. Cutajar komplew il-kuntatti mad-ditta Abakus dwar l-aġġornament tas-sit elettroniku tal-Kunsill. Huwa spjega li t-tibdil propost jinvolvi:

- l-alternanza kontinwa ta' tliet ritratti fl-ewwel paġna tas-sit;
- kalendarju ta' attivitajiet li jinkludi dawk tal-għaqdiet ibbażati fil-lokalita`, flimkien ma' dawk tal-Kunsill;
- Uplowdjar aktar faċli;
- Kollegar tas-sit elettroniku mas-sit soċjali u ħolqien ta' Twitter *account*; u
- Aċċess għas-sit minn telefons ċellulari u apparat ieħor.

2.1.3. Il-Kunsillier J. Attard staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jsir *payment gateway*. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-Kunsill għandu *merchant accounts* mal-Bank of Valletta, kif ukoll mal-HSBC Bank. Is-Sur C. Bartolo qal li l-pakkett li qed jiġi diskuss mad-ditta Abakus, ma jinkludix il-*payment gateway*, pero` din il-faċilita` tista' tiġi provduta aktar 'il quddiem.

2.1.4. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa fil-minuta 4.7.2. aktar 'il fuq.

### 2.2.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.2.3. tas-seduta preċedenti u qalet li l-ħarġa li kellha ssir fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm għall-post magħruf bħala "L-Arka ta' Noe" fis-Siġġiewi, ġiet trasferita għal Ottubru, jew Novembru 2015.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. *Fish Awareness Project* (A/5/5/Vol VIII)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat wkoll għall-minuta 20.3. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fid-19 ta' Mejju 2015 il-kumpanija M.P.S. Advertising Ltd, permezz ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea, organizzat sessjoni ta' tagħrif lill-pubbliku dwar il-benefiċċji li wieħed iġawdi bl-inklużżjoni tal-ħut fid-dieta tiegħu, liema attivita` seħħet fis-Sala tal-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 21.2. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni msemmija seħħet fl-14 ta' Mejju 2015 fis-sede tas-Societa` Filarmonica La Vittoria fejn ir-rebbieħ kien Shaun Deguara, li lagħab ma' John Farrugia – it-tnejn ta' Selmun Bar. Robert Falzon u Darren Borg – it-tnejn miċ-Ċentru Laburista – ġew fit-tielet u r-raba' post, rispettivament. John Farrugia u Christian Buttigieg għamlu l-*highest breaks*. Is-Sur H. Fenech qal li ġiet ppreżentata x-shield lir-rebbieħ, filwaqt li l-persuni l-oħra msemmija ngħataw trofej.

2.4.3. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier H. Fenech għall-kordinazzjoni ta' din l-attivita`. Is-Sur J. Buttigieg irrakkomanda li l-kompetizzjoni għandha tibda aktar kmieni, possibilment f'Ottubru, bil-għan li tintemm fi Frar. Dan billi s-*snooker* huwa kkunsidrat bħala sport tax-xitwa, peress li jsir taħt is-saqaf. Minħabba li l-logħob jieħu fit-tul, huwa ssuġġerixxa wkoll li l-finali tinqasam fuq ż-żewġ sessjonijiet, filwaqt li għandhom jinħarġu stediniet għalihom mill-Kunsill.

2.4.4. Il-Kunsill approva il-proposti mressqa fil-minuta 4.10.3.

### 2.5.1. Kundizzjonijiet applikabbli għall-Kunsill dwar l-użu tas-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol IV)

2.5.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għall-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tas-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja. Huwa staqsa dwar x'qed jifhem il-Kunsill Skolastiku bil-kliem "*persuni tal-fiduċja tiegħu sabiex iħaddmu dan l-apparat b'mod professjonali*". Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li l-Kunsill m'għandux jillimita` in-negozjar tal-kundizzjonijiet għall-għaqdiet mużikali biss.

2.5.3. Is-Sindku tenna li qed issir distinzjoni fl-argument tiegħu peress li hemm għaqdiet u ndividwi li jitolbu l-ħlas biex jingħata aċċess għall-attivitajiet li jsiru fis-Sala tal-Komunita`. Huwa qal li dawn m'għandhomx ikunu regolati bl-istess mod bħal dawk li ma jitlobux ħlas tad-dħul.

2.5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo rrimarka li għaqdiet bħal Mellieħa Youths qatt qabel ma ntalbu rati għoljin daqs kemm ħallsu għall-edizzjoni tal-pantomima tal-2014. Huwa qal ukoll li d-dħul f'dan il-każ imur biex jittieħdu persuni morda fl-Lourdes.

2.5.5. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-Kunsill Skolastiku li jattendu għaliha, is-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo u il-Kunsillieri E. Bartolo, H. Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

### 2.6.1. Lanterni fuq iż-żuntier f'Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-Inginier M. Galea huwa tal-opinjoni li l-istat li jinsabu fih il-lanterni msemmija jitlob li dawn jinbidlu u jsiru oħrajn ġodda. Huwa għadda litteratura dwar xi mudelli klassiċi li hawn fis-suq bil-għan li l-Kunsill jagħtih indikazzjoni tal-istill preferut u li jaqbel mal-ambjent tal-pjazza.

2.6.3. Il-Kunsill qabel li kull arblu għandu jkollu ħames lanterni, filwaqt li t-tul tal-istess arblu m'għandux ikun inqas minn 6 metri. Kien hemm qbil ukoll li d-dokument tal-offerta għandu jkun lest sa nofs Ġunju 2015 sabiex tkun tista' issir Is-sejħa għall-offerti minnufiħ.

**2.7.1. Skemi dwar dwal ġodda f'Santa Marija Estate (E/1/3/Vol VI)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-konferenza stampa li kellha ssir mis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, l-Onor. Michael Falzon in konnessjoni l-iskemi ta' dwar ġodda f'Santa Marija Estate, kellha tiġi posposta għal data oħra.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/05/15
- Skeda ta' Pagamenti – 01/05/15 – 15/05/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – Sena Finanzjarju 2014;
- Abbozz ta' tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni - Sena Finanzjarja 2014;
- Ftehim dwar il-kofinanzjament ta' proġett dwar titjib ta' toroq użati mill-bdiewa parzjalment iffinanzjat taħt il-Miżura 125 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD);
- Sejħa għall-Offerti 1/2015 – Skeda ta' offerti dwar servizz dwar ġbir ta' skart organiku;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 18/05/2015

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Skema dwar il-Libreriji Pubbliċi (L/4/Vol II)**

4.1.2. Saret referenza għal Memo 10/2015 datat 28 ta' April 2015 dwar l-iskema msemmija. Ġie spjegat li din tipprovdi għal għotja massima mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sa massimu €600 strettament fuq kotba, kemm-il darba l-Kunsill jirrepplika l-istess nefqa. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li s-sejħa tagħlaq fit-2 ta' Ġunju 2015.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex jibbenefika mill-iskema.

**4.2.1. Kjosk qrib il-Park tal-Familja (A/6/4/Vol II)**

4.2.2. Inqara imejl datat 18 ta' Mejju 2015, mibgħut mis-Sur Alfred Borg fejn intalab sabiex jingħata l-provista' tal-elettriku minn Ġnien Dun Anton Debono jew mill-Park tal-Familja bil-għan li jkun jista' jarma l-*mobile kiosk* tiegħu waqt attivita` fil-Park tal-Familja meta ser jiġi fi tmiemu l-proġett Skolasports għall-istaġun 2014/2015 fit-22 ta' Mejju 2015,.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba ma tistax tiġi milqugħa, peress li s-servizz temporanju tal-elettriku fir-rigward tal-kjoskijiet jingħata mill-Enemalta plc.

**4.3.1. Skema dwar restawr ta' postijiet storiċi (R/2/Vol II)**

4.3.2. Saret referenza għall-memo 11/2015 li nħareġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-14 ta' Mejju 2015. Is-Segretarju fakkar li kienet l-intenzjoni tal-Kunsill li meta tinħareġ din l-iskema ssir applikazzjoni fir-rigward tar-restawr urġenti meħtieġ fuq il-Batterija ta' Westreme, iżda rriżulta li l-beni eligibbli ma jridux ikunu ġew devoluti lill-Kunsill. Huwa rrimarka li matul iż-żmien, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ottjena disa' proprjetarjiet b'titolu ta' devoluzzjoni li għandhom valur storiku. Beni oħra f'din il-kategorija fil-lokalita` ġew allokati lil organizzazzjonijiet volontarji (eż. It-Torri l-Aħmar ingħata lis-Soċjeta` Din l-Art Ħelwa, eċċ). Dan ifisser li l-Kunsill m'għandux proprjeta` waħda li tista' tibbenefika taħt l-iskema, minkejja li uħud minnhom, bħal-Batterija ta' Westreme jeħtieġu li jiġu trattati b'mod urġenti.

4.3.3. Is-Sindku għarraf li huwa bagħat ittra lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex jilmenta minn dan il-kriterju, filwaqt li beni proprjeta` tal-Knisja jew privati huma eliġibbli.

4.3.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet u ddeċieda li l-ewwel priorita` għandha tibqa' il-Batterija ta' Westreme, sakemm il-Ministeru jiddeċiedi li jimmodifika l-kriterju msemmi fil-minuta 4.3.2. aktar 'il fuq. F'każ li dan ma jimmaterjalizzax, it-tieni prijorita` għandha tkun ir-restawr tal-kamra li hemm biswit l-istatwa ta' San Pawl fuq il-gżira ta' Selmunett.

### 4.4.1. Mirja u *speed humps* fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Saret referenza għall-ittra datata 7 ta' April 2015 mibgħuta minn Francesca Stroud sabiex titwaħħal mera faċċata tal-garaxx tagħha f'Nru 5, Triq Għajn Żejtuna. Dan billi m'għandiex dehra sħiħa tat-traffiku li jkun għaddej, filwaqt li talbet ukoll li jsiru *speed humps* fl-istess parti tat-triq.

4.4.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li saritlu talba simili aktar 'l isfel fi Triq Għajn Żejtuna, quddiem Nru. 219A.

4.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-twaħħil ta' mirja faċċata ta' *drive-ways* u garaxxijiet privati m'għandhomx jiġu aċċettati, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi aktar kritiċi li jirrikjedu mod ieħor. Fir-rigward taż-żewġ każi msemmija, il-Kunsill deherlu li m'għandux joħloq preċedenti għar-raġuni li deċiżjoni ta' dan it-tip ma tkunx sostenibbli, kemm-il darba jsiru talbiet simili minn sidien ta' proprjeta` li hemm fil-qrib.

4.4.5. Fir-rigward tal-i*speed humps*, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jtenni l-*policy* addottata, fis-sens li jiġu kkonsultati r-residenti tal-qrib qabel issir rakkomandazzjoni biex tali miżuri jiġu ntrodotti.

### 4.5.1. Terminazzjoni ta' qbiela u talba għal kumpens (P/4/6/Vol IV)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 14 ta' Mejju 2015, mibgħuta mis-Sur Alden Grima dwar it-terminazzjoni ta' qbiela b'rabta mal-iżvilupp tal-Park tal-Familja fl-inħawi tal-Ibraġ. Il-Kunsill ġie mfakkar li fis-seduta Nru. 34 tas-17 ta' Marzu 2015, kien iddeċieda li għandu jkopri l-ispiża tas-siġar bl-esklużjoni taż-żafran, liema spiża m'għandiex taqbeż l-€1,500, bħala ħlas sħiħ u finali. Permezz tal-ittra msemmija s-Sur Grima appella lill-Kunsill sabiex jingħata €250 oħra fuq is-somma approvata, fid-dawl illi tnaqqsu l-ammonti ta' €4,800 taż-żagħfran u €1,414 bħala telf tal-uċuħ, is-somma li lest jaċċetta bħala ħlas sħiħ għall-kumpens hija ta' €1,760.

4.5.3. Il-Kunsill approva is-somma bl-addizzjoni mitluba ta' €260, sabiex l-ammont totali ta' kumpens li jingħata jkun ta' €1,760.

### 4.6.1. Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 11 ta' Mejju 2015, mibgħuta mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li t-talba tiegħu biex il-proġett imsemmi jibbenefika mill-*EIPP Funds* permezz kienet ġiet approvata u ser ġiet allokata somma li tammonta għal €33,887.80 wara li jiġi ffirmat il-ftehim relattiv aktar 'il quddiem.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Linji ta' parkeġġ fi Triq Ta' Masrija (T/3/2/1/Vol II)

4.7.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għal imejl datat 8 ta' April 2015, mibgħuta mis-Sur M. Cutajar fejn talab li jitneħħew żewġ *parking bays* li jiġu faċċata tal-garaxx tiegħu f'Nru. 82, Triq Ta' Masrija. Dan minħabba li qed isib diffikultajiet biex idaħħal u joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx meta jkollu l-karru tad-dgħajsa rmunkat mal-istess vettura.

4.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikseb il-parir ta' Transport Malta, peress li l-karreġġjata fil-parti tat-triq in kwistjoni hija wiesgħa iktar minn 12-il metru.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Mejju 2015.

5.3. Is-Sindku rrefera għall-pagament Nru. 019-05-15 **(Ref: K/6/1/Vol V)** mitlub minn Absolute Cleaners Ltd fir-rigward tal-kuntratt dwar il-Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi f'Jannar u Frar 2015. Huwa kkummenta li minn spezzjonijiet li huwa għamel personalment qed jirriżulta li s-servizz waqa' f'livell li mhux aċċettabbli, kif jirriżulta minn diversi *default notices* li nħarġu lill-istess kuntrattur. Is-Sur J. Buttigieg qal li sa dakinhar tas-seduta, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv spezzjonaw il-latrini tal-Armier, l-Għadira (*Camping Site*) u Għadira (San Remo), fejn irriżulta li l-livell ta' indafa kien wieħed baxx ħafna, filwaqt li kien evidenti wkoll illi dan ma kienx limitat għal dakinhar biss.

5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li tittieħed azzjoni sabiex il-kuntrattur jilħaq il-livelli mistennija minnu u dan billi:

- Il-pagamenti dovuti għall-Jannar u Frar 2015 jiġu rilaxxjati kemm-il darba l-*Contracts Manager* jiċċertifika li sal-31 ta' Mejju 2015, is-servizz jiġi għal-livell stipulat fil-kuntratt; u
- Il-pagamenti dovuti għax-xhur ta' Marzu u April 2015 isiru, kemm-il darba li l-Kunsill ikun sodisfatt li l-andament tas-servizz matul ix-xahar ta' Gunju 2015 ikun sodisfaċenti wara li jsiru spezzjonijiet mill-*Contracts Manager* kull ġimgħa;
- Din il-proċedura tiġi ripetuta fix-xhur sussegwenti.

5.5. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 5.4.

5.6. Kien hemm qbil ukoll dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn l-1 u l-15 ta' April 2015.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa jastjeni minn kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-pagament Nru. (050-05-15) għal raġunijiet ta' parentela mal-fornitur konċernat.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/1/Vol XIV)

7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li d-Doncaster Band ser tasal Malta fil-25 ta' Mejju 2015 u ser tkun alloġġjata fil-Mellieħa. Huwa ppropona li l-vjaġġi bejn l-ajruport u l-Mellieħa u lura, jiġu pprovduti mill-Kunsill minkejja li ma kinux inkluż mal-ispejjeż fil-baġit tal-festival li tressaq fis-Seduta Nru. 35. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li qed jitqassmu l-*posters* u l-fuljetti f'diversi lokalita` fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa, filwaqt li qabel li l-preżentazzjoni tal-mementos lill-parteċipanti jsir mill-Kunsillieri preżenti waqt is-serati.

## 8.1. Għoti ta' onorefiċenzi – Ħatra tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni (A/5/3/1/Vol XIV)

8.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni tal-kriterji li kien hemm fis-seduta preċedenti u ppropona li fil-kriterju 3.6. għandhom jiżdiedu l-kelmiet "*qabel tmiem-il mandat*" biex jinqara kif ġej:

> "*L-eleġibilta` ta' ex-Sindku li jkun tneħħa jew spiċċa mill-kariga qabel tmiem-il mandat, għal xi raġuni jew oħra, trid tiġi diskussa fuq il-merti tagħha mill-Bord tal-Ġurija.*"

8.3. Il-Kunsill approva l-emenda.

8.4. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-Bord ta' Rakkomandazzjoni jkun kompost kif jidher hawn taħt:

Dr Michael Buhagiar J.C.D., Adv.SRR - Chairman

Is-Sur Salvu Attard – Membru

Is-Sinjura Margaret Cutajar – Membru

Is-Sur John Buttigieg – Membru mill-grupp maġġoritarju - Sindku

Is-Sur Hilary Fenech – Membru mill-grupp minoritarju – Membru

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv

8.5. Il-Kunsill approva l-ħatra tal-persuni msemmija.

## 9.1. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) – Sena Finanzjarju 2014 (F/1/2/Vol IX)

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2014, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

9.3. Is-Sur C. Debono qal li l-iktar punti notevoli illi m'humiex ta' natura teknika, kienu jirrigwardaw:

(a) Paragrafu 2.1 – Konklużjoni tal-istqarrijiet finanzjarji tal-Kumitat Konġunt sa' Diċembru 2014;

(b) Paragrafu 4.3 - L-iskadenza tal-kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq;

(c) Paragrafu 4.5 - Nefqa fuq l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill; u

(d) Paragrafu 5.2 – Valur tal-assi koperti bil-poloz tal-assikurazzjoni.

9.4. Is-Segretarju aċċenna għas-sezzjonijiet 2.1. u 4.3. u kkummenta li fl-opinjoni tiegħu dawn ma' kellhomx jiġu nklużi fl-ittra ta' direzzjoni ndirizzata lill-Kunsill, iżda lill-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li l-Artiklu 19 tal-Avviż Legali 320/2011 jagħmilha ċara li l-għoti ta' kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq hija waħda mill-funzjonijiet tal-Kumitat Regjonali, filwaqt li ma tidhirx taħt l-Artiklu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali fejn hemm elenkati l-funzjonijiet tal-Kunsill.

9.5. Dwar is-sezzjoni 5.2, is-Segretarju spjega li minn dejjem kienet il-prassi li l-valur tat-toroq li ġew *resurfaced* jitħalla barra mill-poloż tal-assikurazzjoni, peress li r-riskju li dawn jiġu vandalizzati, misruqa eċċ ma jeżistix, filwaqt li kemm-il darba ssirilhom xi ħaġa eż: kawża tal-elementi, ħsara maġġuri trid tagħmel tajjeb għaliha Transport Malta. Huwa qal ukoll li l-inklużjoni tal-valur imsemmi jinvolvi ħlas ta' *premium* aktar għoli, mingħajr ħtieġa.

9.6. Is-Sur C. Bartolo rrefera għas-sezzjoni 4.5 tal-ittra ta' direzzjoni u qal li l-ispiża ta' €1,100 kienet tinkludi l-użu tal-faċilitajiet fejn saret is-serata tal-preżentazzjoni tal-unuri, kif ukoll s-seminar li sar l-għada *(Mellieħa Business Forum),* flimkien ma' *coffee break*.

9.7. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 10.1. Sejħa għall-offerti 1/2015 dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-iskeda tal-offerti li għalqet fit-8 ta' Mejju 2015, liema skeda ġiet mgħoddija lill-offerenti, kif ukoll lill-Kunsillieri kollha eżatt wara li dawn infetħu. Kopja tal-istess skeda qiegħda tiġi meħmuża ma' dawn l-minuti. Is-Sur C. Debono qal li t-tliet offerti li kien hemm saru minn Euro Clean Waste Services, Velljo Services u SRF Veladrian u ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* li ltaqa' fit-18 ta' Mejju 2015. Kopja tal-minuti relattivi qiegħda tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

10.3. Il-Kunsill ġie aġġornat bl-evalwazzjoni li saret mill-Bord, u kien hemm qbil li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Velljo Services wara li titressaq riżoluzzjoni formali fis-seduta li jmiss.

## 11.1. Kofinanzjament tal-proġett dwar toroq użati mill-bdiewa (P/10/5)

11.2. Is-Segretarju fakkar fix-xogħlijiet li kienu saru f'toroq użati mill-bdiewa fl-inħawi tal-Qammieħ, Wied Musa u Ta' Msid parżjalment iffinanzjati taħt il-miżura 125 tal-Fond

Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u mill-Gvern Ċentrali (90%) u mill-Kunsill Lokali (10%). Skont il-ftehim dwar l-għotja, il-Kunsill kellu jagħmel tajjeb kemm għall-VAT fuq il-kwota tad-90% u l-10%. Ingħata rendikont tal-ispejjeż kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Spiża totali eliġibbli nkluża l-VAT | €31,460.00 |
| Spiża totali eliġibbli eskluża l-VAT | €26,661.00 |
| 90% Mħallsa mill-UE u l-Gvern Ċentrali bil-VAT eskluża | €23,995.00 |
| 10% Mħallsa mill-Kunsill bil-VAT eskluża | €2,666.00 |
| Total ta' VAT mħallsa mill-Kunsill | € 4,798.98 |
| Spiża totali mħallsa mill-Kunsill | €7,464.98 |
| Għotja approvata mill-Fond ta' Kofinanzjament CV7237 – 85% tal-ispiża li għamel tajjeb għaliha l-Kunsill | €6,345.33 |
| Ammont mhux irkuprat mill-Kunsill (15%) | €1,119.65 |

11.3. Is-Sur C. Debono spjega li sabiex il-Bord ta' Evalwazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jkun jista' jgħaddi s-somma ta' €6,345.33, jeħtieġ jiġi ffirmat ftehim li kopja tiegħu tqassmet qabel is-seduta.

11.4. Wara li l-Kunsill ra t-test tal-ftehim, awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju sabiex jiffirmawħ.

## 12.1. Laqgħa mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura (M/4/2/Vol II)

12.2. Is-Sindku għarraf li fis-7 ta' Mejju 2015 saret laqgħa mal-Ministru l-Onor. Joe Mizzi fil-preżenza tal-Perit David Vassallo minn Transport Malta, fejn ġew diskussi s-suġġetti segwenti:

| **Suġġett** | **Azzjoni** |
|---|---|
| Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Marfa u fit-Telgħa ta' Selmun | Il-Ministru qal li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura waqt laqgħa skedata għat-2 ta' Ġunju 2015. |
| *Resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin – Aħrax | Il-Ministeru ma jistax jgħin fil-finanzjament ta' dan il-proġett, peress li t-triq taqa' fir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali. Apparti ix-xogħlijiet li għaddejjin fuq Triq Ramlet il-Qortin, il-Ministru ġie aġġornat bix-xogħlijiet ppjanati fiż-żona Tas-Sellum, bil-għan li joħroġ biċ-ċar li l-Kunsill mhux qed jirrinunzja mill-obbliġi tiegħu f'dan ir-rigward. |
| *Resurfacing* ta' Triq il-Qortin | Fuq parir tal-Perit D. Vassallo, il-Ministru kkonferma li din it-triq ser issir minn Transport Malta u ma ġiex eskluż li tista' tinqasam f'fażijiet minħabba l-ispiża li tinvolvi. |
| Traffiku fil-Manikata | Sar aċċenn għat-twessiegħ ta' Triq il-Manikata, kif ukoll saret referenza għar-rapport tal-Perit Kylie Borg Marks minn Transport Malta f'Settembru 2014, fejn saru diversi proposti. Wara l-laqgħa saret spezzjoni fuq il-post mill-Perit D. Vassallo li kellu jirrapporta lura lill-Ministru dwar x'għandu jsir. |

| | |
|---|---|
| Sospensjoni ta' xogħlijiet ordnati mill-Kunsill | Ġew ippreżentati serje` ta' ordnijiet għal xogħlijiet li saru mill-Kunsill illi nżammu pendenti mid-Dipartment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura minħabba manutenzjoni f'postijiet fejn il-baħar. Ġie spjegat min-naħa tal-Kunsill illi l-ordnijiet li saru mill-Kunsill huma tal-istess natura, peress li jinvolvu manutenzjoni fuq toroq li jwasslu għall-bajjiet iffrekwentati ħafna mill-Maltin u t-turisti. Il-Ministru qal li dan is-suġġett ser jiġi diskuss mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura waqt laqgħa skeda għat-2 ta' Ġunju 2015. |
| Kostruzzjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna | Il-Ministru qal li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura waqt laqgħa skedata għat-2 ta' Ġunju 2015. |
| Responsabilita` tal-mollijiet | Il-Ministru qal li responsabilita` tal-mollijiet użati mis-sajjieda hija maqsuma bejn id-Dipartiment tal-Akwakultura u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura. Il-Ministru qal li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura waqt laqgħa skedata għat-2 ta' Ġunju 2015. |

12.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 13.1. Appell mis-sanzjonar ta' xogħlijiet li saru fi Sqaq Ħarruba (D/3/1/Vol V)

13.2. Is-Segretarju rrefera għall-kawża li nfetħet minn xi residenti ta' Triq il-Mejjiesa quddiem il-Qorti tal-Appell kontra l-MEPA u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar il-każ imsemmi hawn fuq.

13.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Qorti laqgħet l-appell tal-appellanti in kwantu biss għaliex ma ġiex deċiż wieħed mill-aggravji tal-appellant li kien jimpinġi direttament fuq l-ammissibilita` o meno tad-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal u għalhekk irrevokat id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Jannar 2015, u għaldaqstant l-atti tal-kawża ntbagħtu lura lit-Tribunal biex jerġa' jiddeċiedi l-appell mill-ġdid a bażi ta' dak deċiż u b'rakkomandazzjoni li jivverifika sew l-okkju tad-decizjoni. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. Ikkampjar u *Caravans* (C/4/Vol IV)(A/4/10)(P/10/3A)

14.2. Is-Sindku għarraf li fil-11 ta' Mejju 2015 saret laqgħa mal-Sur Louis Gatt uffiċjal fis-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, flimkien mas-Sur Raymond Camilleri, id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Artijiet. Għall-istess laqgħa attendew ukoll il-Viċi Sindku C. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

14.3. Is-Segretarju għarraf li fil-laqgħa ġiet diskussa l-pożiżżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ ta' permessi għall-ikkampjar fiż-żona tal-Aħrax, fin-nuqqas ta' titlu fuq l-istess artijiet, filwaqt li dawn m'humiex koperti bil-permess tal-MEPA biex jintużaw bħala tali. Is-Sur R. Camilleri qabbel din is-sitwazzjoni ma' dik tal-permessi li jinħarġu mill-Kunsill fir-rigward tal-*barbecues* li jsiru fuq ix-xtut u postijiet oħra, illi la huma koperti bil-permess tal-MEPA u lanqas devoluti lill-Kunsill. Huwa qal li d-Dipartiment żgur mhux ser jalloka dawn ix-xtut lill-Kunsill taħt xi titlu jew ieħor.

14.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li ż-żona tal-ikkampjar fl-inħawi tal-Aħrax tal-Madonna jeħtieġ li tiġi spustjata, għaliex l-area indikata fil-*bye-laws* hija in parti allokata lil terzi, filwaqt li fil-parti rimanenti m'hemmx siġar u għalhekk mhix addattata għal din it-tip ta' attivita`.

14.5. Dwar is-sitwazzjoni tal-*caravans* fil-Qortin it-Twil, is-Sur R. Camilleri ta parir li l-Kunsill m'għandux jinvolvi ruħu fiha b'xi mod bil-ħruġ ta' permessi eċċ.

14.6. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal ukoll it-talba li għamel il-Kunsill sabiex jgħaddi t-tmexxija tal-*Heritage Trail* ta' Selmun lill-Fondazzjoni ARKEO, liema talba ġiet rifjutata mid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta`. Is-Sur R. Camilleri qal li huwa ser jintervjeni sabiex jara jekk hemmx xi mpediment fl-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet (Kap. 268).

14.7. Is-Sindku qal ukoll li fuq l-aġenda tal-laqgħa kien hemm id-devoluzzjoni ta' kamra li tifforma parti mill-Kamp ta' Għajn Tuffieħa li qiegħda msemmija fuq kuntratt li sar bejn it-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern u l-Bord tat-Tmexxija tal-Park tal-Majjistral. Minkejja dan, qatt ma' ġie ffirmat kuntratt f'dan is-sens bejn il-Kunsill u l-istess taqsima. Is-Sur R. Camilleri qal li ser jindaga dwar din il-materja.

14.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 15.1. Żjara mill-Banda Imperial f'Aquaviva delle Fonti (K/1/5/1/Vol III)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li wara kuntatti li kien hemm mas-Sindku Davide Carlucci ta' Aquaviva, il-Kunsill tal-Mellieħa u diriġenti tal-Għaqda Mużikali Imperial, tkomplew l-istess kuntatti. Huwa ppjanat li ż-żjara sseħħ bejn is-16 u l-20 ta' Settembru 2015.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 16.1. Fondi Ewropej għall-għaqdiet (K/1/5/1/Vol III)

16.2. Is-Sindku għarraf li erba' għaqdiet ibbażati fil-Mellieħa applikaw biex jibbenefikaw minn fondi Ewropew taħt il-Miżura 413.6 tal-programm LEADER, amministrati mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral. Dawn kienu l-Għaqda Mużikali Imperial, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, is-Societa` Filarmonica La Vittoria u l-Art Club 2000. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid l-Għaqda Mużikali Imperial ingħataw €79,936.74 sabiex jinstallaw *lift* fis-sede tagħhom u jibdlu parti mill-istrumentatura. L-GħK0MB tpoġġiet fuq lista ta' riżerva u hemm prospetti tajbin li tingħata s-somma ta' €46,163.68 biex tagħmel xogħol ta' titjib fis-sala tas-sede tagħhom. L-applikazzjoni li saret mis-Societa` La Vittoria ma ġietx milqugħa minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni, filwaqt li dik tal-Art Club 2000 ma ġiex aċċettat il-proġett *per se`.*

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 17.1. Programm ta' attivitajiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li ser issir laqgħa ta' kordinazzjoni mal-artisti li ħa jieħdu sehem fil-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, fl-inizjattiva Arti fil-Misraħ, u fl-Iljieli Melleħin. Hija qalet li din ser issir fit-2 ta' Ġunju 2015 fis-Sala tal-Kunsill.

17.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni proposta.

### 18.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier (A/5/3/Vol XIII)

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir attivita` f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju 2015.

18.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

### 19.1. Taraġ fi Triq il-Madonna ta' l-Għar (P/4/17)

19.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ppropona li titwaħħal lampa fit-taraġ imsemmi li jiġi bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri. Huwa qal li xi uħud jużaw dan il-post bħala latrina.

19.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jmur lill'hinn minn dan, billi jsir disinn tat-taraġ kollu li jinkludi pavimentar u bdil tal-puġġaman tal-ġebel ma' ieħor tal-ħadid.

### 20.1. Wirja ta' karozzi f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/2/Vol 54)

20.2. Il-Kunsillier D. Vella għarraf li hemm l-intenzjoni li ssir wirja tal-karozzi nhar il-Ħadd 24 ta' Mejju 2015 f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa. Huwa staqsa jekk huwiex possibbli li tingħalaq il-pjazza.

20.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li normalment jingħalaq l-aċċess minn Triq il-Parroċċa, filwaqt li nofs il-pjazza tittieħed mill-vetturi tal-wirja u n-nofs l-ieħor għall-ipparkjar ta' vetturi normali.

20.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jeħtieġ li tingħalaq il-pjazza, ma baqax żmien biżżejjed biex jinħareġ avviż fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-proċedura normali.

20.5. Fid-dawl tal-minuta 20.4. il-Kunsill approva l-attivita` bil-kundizzjoni li l-pjazza tibqa' miftuħa.

**21.1. Iljieli Melleħin 2015 (A/5/3/5/Vol V)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li bdew it-tħejjijiet għall-avveniment imsemmi u ppropona li l-artisti illi ser jieħdu sehem jikkontribwixxu 20% tal-bejgħ li jsir minnhom imur b'riżq il-*Community Chest Fund*. Huwa qal li l-komunita` kummerċjali għandha tintalab tikkontribwixxu wkoll, peress li tkun qed tibbenefika miż-żieda fil-kummerċ iġġenerat b'dan l-avveniment. Ġie propost li l-edizzjoni li jmiss tingħata l-isem "*Iljieli Melleħin 2015 in Aid of the Community Chest Fund*". Fid-dawl ta' dan, huwa ssuġġerixxa wkoll sabiex tintbagħat stedina lill-Eċċ Tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro sabiex Jum il-Kunsill isir taħt il-patroċinju tagħha.

21.3. Is-Sur C. Bartolo qal li s-Sindku Davide Carlucci ta' Aquaviva Delle Fonti staqsa jekk huwiex possibbli li *hip-hop band* mir-reġjun tal-Puglia fl-Italja tkun tista' tieħu sehem fl-Iljieli Melleħin. Huwa qal li dawn lesti jagħmlu tajjeb għall-vjaġġ bl-ajru u l-akkomodazzjoni. Apparti dawn jidher li hemm interess li mill-istess lokalita` jiġu għaxar artisti oħra li jeħtieġ jipprovdilhom l-akkomodazzjoni l-Kunsill.

21.4. Is-Sindku staqsa dwar jekk sarux kuntatti ma' lokalitajiet li l-Kunsill għandu ftehim formali ta' ġemmellaġġ. Is-Sur C. Bartolo qal li dawn sar kuntatt magħhom, iżda s'issa ma kienx hemm rispons minn naħa tagħhom.

21.5. Il-Kunsill approva s-suġġeriment li saru fil-minuti 21.2. u 21.3. aktar 'il fuq.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2015 fis-7.15pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |